MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 83/2006

**Avviz numru 83/06 DM**

**Maltacom plc (C 22334)**

**Vs**

**Joseph Agius ID 486569 M**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, erba' mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u dsatax-il centezmu (LM 2,427.19c) rapprezentanti ammont minnu dovut in konnessjoni ma' servizzi telefonici in kwantu ghal seba' mija u tmienja u sebghin lira Maltin u digha u tmenin centezmu (LM 778.98c) fuq servizz telefoniku li jgib in-numru 21241894 u in kwantu ghal elf, sitt mija u tmienja u erbghin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (LM 1648.21c) fuq servizz 21242171 (CN 567686 – AC

10061888/89) (skond kif jirrizulta mill-anness mall-avviz Dok A u Dok B). Kopja tal-applikazzjoni annessa mall-avviz u mmarkata Dok C.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti avviz u tal-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma’ deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li rat id-dokumenti esebiti u semghet lil PL Noel Scerri bil-gurament issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqsant qeghda tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ elfejn, erba’ mija, sebgha u ghoxrin lira Maltin u dsatax-il centezmu (LM 2427.19c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali, b’ effett mill-15 ta’ Marzu, 2006.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------